Emenda 50
Lynn Boylan, Marc Botenga, Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
	5b. Ifakkar li n-NATO u l-UE huma organizzazzjonijiet distinti li jservu skopijiet differenti ħafna u li lanqas biss jikkondividu sħubija identika; jesprimi dispjaċir dwar il-konfużjoni tan-NATO, alleanza militari, mal-UE;

Or. en

Emenda 51
Marc Botenga, João Oliveira
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
	6a. Jinsab imħasseb ħafna li n-nefqa militari globali qed tkompli tiżdied għal livelli rekord ġodda; jenfasizza l-fatt li tellieqa għall-armi mhux se toħloq sigurtà għaċ-ċittadini Ewropej, iżda minflok, skont id-dilemma tas-sigurtà, se żżid ir-riskju ta' kunflitt vjolenti; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv trattati ġodda dwar il-kontroll tal-armi;

Or. en

Emenda 52
Lynn Boylan, Marc Botenga, Hanna Gedin, Jonas Sjöstedt
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
	14a. Ifakkar li l-miżuri proviżorji ordnati mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) fir-rigward tal-Applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju fl-Istrixxa ta' Gaża (l-Afrika t'Isfel vs Iżrael); jenfasizza l-ħtieġa li d-dritt internazzjonali jiġi sostnut u rispettat; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-UE bl-ebda mod ma tkun kompliċi fil-ksur tad-dritt internazzjonali, inkluż skont il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol tal-industrija Ewropea tal-armi fil-forniment ta' armi lill-Forzi tad-Difiża Iżraeljani;

Or. en

Emenda 53
Jonas Sjöstedt, Hanna Gedin
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżommu sodi fuq in-naħa tal-Ukrajna; ifakkar fil-konvinzjoni tiegħu li huwa fil-kampijiet tal-battalja Ukreni li se jiġi deċiż il-futur tal-Ewropa u li t-trajettorja tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna se tinbidel b'mod deċiżiv; jissottolinja li bidla bħal din issa tiddependi kważi kompletament fuq l-Ewropa; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, jipprovdu aktar armi u munizzjon lill-Ukrajna qabel ma jingħalqu n-negozjati; iwissi li kieku l-UE kellha tfalli fl-appoġġ tagħha, u kieku l-Ukrajna kellha tiġi mġiegħla ċċedi, ir-Russja mbagħad iddur kontra pajjiżi oħra, inklużi possibbilment l-Istati Membri tal-UE; jistieden lill-Istati Membri tal-UE, lis-sħab internazzjonali u lill-alleati tan-NATO jneħħu r-restrizzjonijiet kollha fuq l-użu tas-sistemi tal-armi tal-Punent li jitwasslu lill-Ukrajna kontra objettivi militari fit-territorju Russu; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu b'mod attiv biex jinżamm u jinkiseb l-aktar appoġġ internazzjonali mifrux possibbli għall-Ukrajna u jidentifikaw soluzzjoni paċifika għall-gwerra, li trid tkun ibbażata fuq ir-rispett	15. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżommu sodi fuq in-naħa tal-Ukrajna; ifakkar fil-konvinzjoni tiegħu li huwa fil-kampijiet tal-battalja Ukreni li se jiġi deċiż il-futur tal-Ewropa u li t-trajettorja tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna se tinbidel b'mod deċiżiv; jissottolinja li bidla bħal din issa tiddependi kważi kompletament fuq l-Ewropa; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, jipprovdu aktar armi u munizzjon lill-Ukrajna qabel ma jingħalqu n-negozjati; iwissi li kieku l-UE kellha tfalli fl-appoġġ tagħha, u kieku l-Ukrajna kellha tiġi mġiegħla ċċedi, ir-Russja mbagħad iddur kontra pajjiżi oħra, inklużi possibbilment l-Istati Membri tal-UE; jistieden lill-Istati Membri tal-UE, lis-sħab internazzjonali u lill-alleati tan-NATO jneħħu r-restrizzjonijiet kollha fuq l-użu tas-sistemi tal-armi tal-Punent li jitwasslu lill-Ukrajna kontra objettivi militari fit-territorju Russu; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu b'mod attiv biex jinżamm u jinkiseb l-aktar appoġġ internazzjonali mifrux possibbli għall-Ukrajna u jidentifikaw soluzzjoni paċifika għall-gwerra, li trid tkun ibbażata fuq ir-rispett

sħiħ tal-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, l-obbligu ta' rendikont għad-delitti tal-gwerra u d-delitt ta' aggressjoni, u li r-Russja tħallas għall-ħsara massiva kkawżata fl-Ukrajna; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' garanziji ta' sigurtà futuri robusti għall-Ukrajna;	sħiħ tal-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, l-obbligu ta' rendikont għad-delitti tal-gwerra u d-delitt ta' aggressjoni, u li r-Russja tħallas għall-ħsara massiva kkawżata fl-Ukrajna; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' garanziji ta' sigurtà futuri robusti għall-Ukrajna; ***iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw id-dritt internazzjonali u l-ordni dinji bbażat fuq ir-regoli mingħajr eżitazzjoni; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-investigazzjoni li għaddejja dwar l-atroċitajiet imwettqa minn Iżrael kontra l-popolazzjoni Palestinjana; jissottolinja kif id-dritt internazzjonali huwa fundamentali għas-sigurtà Ewropea; itenni l-appoġġ tiegħu għall-QIĠ, il-Qorti Kriminali Internazzjonali u korpi internazzjonali oħra fl-investigazzjoni tad-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra;***
	Or. en

Emenda 54
Jonas Sjöstedt, Hanna Gedin
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
	15a. Jilqa' l-fatt li diversi Stati Membri jappoġġjaw il-pjan Eġizzjan għar-rikostruzzjoni ta' Gaża; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tassisti fl-implimentazzjoni tal-pjan; itenni li soluzzjoni negozjata ta' żewġ stati li permezz tagħha l-Palestinjani u l-Iżraeljani jistgħu jgħixu f'koeżistenza paċifika tiddependi fuq soċjetà Palestinjana mibnija mill-ġdid u vijabbli; jirrikonoxxi li l-komunità dinjija hija ta' importanza kbira fir-rikostruzzjoni ta' Gaża; itenni li s-sigurtà Ewropea hija interkonnessa għalkollox mar-rispett għad-dritt internazzjonali u soluzzjonijiet paċifiċi għall-kunflitti fl-inħawi immedjati tagħna;

Or. en

Emenda 55
Jonas Sjöstedt, Hanna Gedin
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jsaħħu l-infurzar tas-sanzjonijiet eżistenti, u jadottaw u jimplimentaw b'mod strett miżuri restrittivi kontra l-entitajiet u l-istati kollha mhux tal-UE li jagħevolaw iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet, u li jipprovdu lill-kumpless militari Russu teknoloġiji u tagħmir militari u ta' użu doppju;	20. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jsaħħu l-infurzar tas-sanzjonijiet eżistenti, u jadottaw u jimplimentaw b'mod strett miżuri restrittivi kontra l-entitajiet u l-istati kollha mhux tal-UE li jagħevolaw iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet, u li jipprovdu lill-kumpless militari Russu teknoloġiji u tagħmir militari u ta' użu doppju; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lill-flotta mistura Russa u r-riskji għas-sigurtà u għall-ambjent li din toħloq;***

Or. en

Emenda 56
Marc Botenga
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
	22a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaħdmu fuq arkitettura ġdida ta' sigurtà kollettiva fit-tul għal Ewropa ispirata mill-prinċipji tal-proċess ta' Helsinki u li tinkludi l-kunċett ta' garanziji ta' sigurtà reċiproċi; jinnota li aspett fundamentali ta' approċċ bħal dan huwa r-rispett tas-sovranità u tal-integrità territorjali tan-nazzjonijiet kollha u l-impenn għar-rispett tad-dritt internazzjonali;

Or. en

Emenda 57
Marc Botenga, João Oliveira
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
	22b. Jinsisti li arkitettura tas-sigurtà Ewropea ġdida għandha tapplika l-prinċipji ta' koeżistenza paċifika bejn pajjiżi b'sistemi politiċi differenti u toffri garanziji ta' sigurtà lill-partijiet kollha;

Or. en

Emenda 58
Manon Aubry, Marina Mesure, Marc Botenga
f'isem il-Grupp The Left
Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
33. Jemmen bis-sħiħ li, fil-kuntest ġeopolitiku attwali, ***l-operazzjonalizzazzjoni tal-Artikolu 42(7)*** tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) dwar l-assistenza reċiproka ***hija*** tal-ogħla importanza, u ***tiżgura*** s-solidarjetà fost l-Istati Membri, ***speċjalment dawk li l-pożizzjoni ġeografika tagħhom tħallihom direttament esposti għal theddid u sfidi imminenti, irrispettivament minn jekk humiex membri tan-NATO jew le***;	33. Jemmen bis-sħiħ li, fil-kuntest ġeopolitiku attwali, ***awtonomija strateġika Ewropea ġenwina tista' tinkiseb biss jekk l-Artikolu 42(7)*** tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) dwar l-assistenza reċiproka ***jkun kkunsidrat bħala*** tal-ogħla importanza, u ***jiżgura*** s-solidarjetà fost l-Istati Membri, ***kif ukoll isir il-pedament tad-difiża kollettiva tal-Istati Membri kollha, minflok ma jkun hemm dipendenza fuq in-NATO***;

Or. en

Emenda 59
Giorgos Georgiou
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, Renew, The Left
White paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta	*Emenda*
	32a. Itenni t-talba tiegħu lit-Turkija, membru tan-NATO, biex tirtira t-truppi tagħha minn Ċipru, Stat Membru tal-UE, u taħdem b'mod kostruttiv biex tinstab soluzzjoni vijabbli u paċifika bbażata fuq ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU;

Or. en